**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 31**

**It-Tnejn, 10 ta' Novembru, 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.05 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Carmelo Abela (sostitut), l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Julie Zahra, l-Onor. Stanley Zammit u l-Onor. Zerafa Civelli (sostitut) kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 31 li saret fis-16 ta' Settembru 2025, ġew ikkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR RAYMOND BUGEJA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA MHUX RESIDENTI GĦAL SINGAPOR**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu l-Onor. Ian Borg, datata 7 ta' Ottubru 2025, dwar in-nomina tas-Sur Raymond Bugeja għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti ġewwa Singapor.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Raymond Bugeja jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Raymond Bugeja daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Raymond Bugeja li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Bugeja ta rendikont tal-karriera tiegħu fejn hu ggradwa bħala Chemical Engineer, iżda ħadem ukoll f'diversi oqsma mhux relatati. Ħadem mal-Forzi Armati ta' Malta bħala Fizzjal fejn ingħata diversi

xogħolijiet, kien stazzjonat Malta, kif ukoll ingħata taħriġ u ħadem barra minn xtutna. Ħadem ukoll bħala Chemical Engineer ma' kumpaniji privati, kif ukoll kien involut f'diversi trattati u negozjati fil-qasam kif ukoll fix-xiri ta' prodott finali taż-żejt, fost rwoli oħra li serva bħala uffiċjal pubbliku.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom relatati mal-irwol li qed jiġi ppreżentat u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet. Fost il-mistoqsijiet, ġie kkonfermat ukoll li s-Sur Bugeja huwa ċittadini Malti.

Fit-3.18 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Raymond Bugeja u talbu sabiex tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fil-3.22 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Raymond Bugeja għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti ġewwa Singapor.

Il-ħatra proposta għaddiet nem. con.

Fil-3.22 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Raymond Bugeja jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Raymond Bugeja daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux resident ġewwa Singapor kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu l-Onor. Ian Borg.

Is-Sur Raymond Bugeja rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAL-PROFESSUR MARK PAUL BRINCAT GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA MHUX RESIDENTI GĦALL-KIRGIŻISTAN**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 7 ta' Ottubru 2025, li fiha kien hemm żewġ nomini għal Ambaxxaturi mhux residenti.

It-tieni nomina kienet tal-Prof. Mark P. Brincat għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għall-Kirgiżistan.

Il-Kumitat stieden lil Prof. Mark P. Brincat sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li hu stess bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-3.23 p.m. il-Prof. Mark P. Brincat daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Prof. Mark P. Brincat li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Il-Prof. Mark P. Brincat ta rendikont tal-karriera tiegħu fid-dipartiment tal-Obstetrija u l-Ġinekoloġija, fid-dipartiment tas-saħħa fejn ta s-servizzi tiegħu għal iktar minn 27 sena. Hu ta sehmu wkoll fil-qasam edukattiv fis-settur. Il-Prof. Mark P. Brincat studja l-Università ta' Malta, kif ukoll ġewwa King's College Londra, u postijiet varji fl-Ingilterra, fejn ingħaqad ma' letturi oħra sabiex ikomplu l-istudji tagħhom u jagħmlu diversi skambji ta' riċerka u peer groups sabiex ikomplu jiżviluppaw l-għarfien

tagħhom fil-maternità b'mod transkonfinali. Prof. Brincat studja u għallem ukoll ir-Russja, fejn minn hemm nibtet l-esperjenza u l-interess tiegħu fil-lvant

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Prof. Mark P. Brincat, u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fit-3.45 p.m. il-Prof. Mark P. Brincat irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tal-Prof. Mark P. Brincat għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Kirgiżistan. Tqajjem il-punt fejn fir-risposti tiegħu, il-Prof. Brincat iddikjara li għandu żewġ ċittadinanzi: dik Maltija kif ukoll dik Ingliża. Intalab parir mill-Ministeru għall-Affarijiet barranin u ġie kkonfermat mis-Segretarju Permanenti li dan m'għandux jaffettwa n-nomina tal-Prof. Brincat, sakemm ma jsibux oġġezzjoni l-pajjiż li ser jirċievi lill-istess Prof. Brincat.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina mill-kumitat u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-3.54 p.m. il-Kumitat stieden lil Prof. Mark P. Brincat jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Il-Prof. Mark P. Brincat daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Kirgiżistan kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-3.55 p.m. il-Prof. Mark P. Brincat irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-3.55 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**